**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**



# IL-ĦADD, 25.12.11: SOLENNITA' TAT-TWELID TA' SIDNA ĠESU' KRISTU

**IT-TNEJN, 26.12.11: Festa ta' San Stiefnu l-Ewwel Martri.**

**PURĊISSJONI TA' ĠESU' BAMBIN**

**Fis-6.30p.m.** titlaq il-Purċissjoni b'Ġesu' Bambin minn ħdejn il-Museum li tkun mmexxija mill-istess membri tal-Museum u li tkun akkompanjata mill-Banda Santa Margerita. Tgħaddi mit-toroq ta' madwar Triq Cocco Palmeri u tispiċċa l-knisja. Fil-knisja jkun hemm programm sabieħ u anke il-prietka tat-tifel.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi kemm għall-purċissjoni u anke għall-programm li jsir fil-knisja.

**IT-TLIETA, 27.12.11: Festa ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista.**

**PARTY GĦAT-TFAL KOLLHA**

**Fit-8.30a.m.** Quddiesa għat-Tfal kollha fil-knisja u wara mmorru fid-Dar Parrokkjali għall-Party tat-Tfal fejn nagħtuhom ukoll xi rigali.

**Fis-7.00p.m.** **VARJETA' TAL-MILIED**
Din se tkun fl-Iskola Primarja Ta' Sannat u tkun imtella' mill-Għaqda Drammatika tal-Parroċċa.

Kulħadd huwa mistieden biex jattendi

**L-ERBGĦA, 28.12.11: Festa tal-Innoċenti Martri**

**IL-ĠIMGĦA, 30.12.11: Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesu', Marija u Ġużeppi.**

**IS-SIBT, 31.12.11: L-AĦĦAR TAS-SENA**

**Mill-4.00p.m**. 'l quddiem ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-6.00p.m**. Quddiesa li fiha jsir il-kant tat-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla għal dak kollu li għamel magħna matul is-sena li għaddiet.

**IL-ĦADD, 1.1.12 SOLENNITA' TAL-MATERNITA' TA' MARIJA:**

## MARIJA OMM ALLA
## JUM IL-PAĊI

**Fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi, Il-Papa Benedittu għamel appell biex nedukaw liż-Żgħażagħ fil-Ġustizzja u l-Paċi, ħalli jkunu jistgħu joffru tama lid-dinja.**
**Huwa jagħmel appell speċjali lill-ġenituri li sejħilhom l-ewwel edukaturi ta' wliedhom. Ejjew nieħdu dan l-impenn mal-bidu ta' din is-sena.**

**Nirringrazzja lil dawk kollha li taw s-sehem tagħhom matul in-Novena tal-Milied.**

**NIXTIEQU MILL-QALB LILL-MEMBRI KOLLHA TAL-KOMUNITA' PARROKKJALI SENA TA' PAĊI, FERĦ U GRAZZJA FIL-MULEJ ĠESU'**